# HATS OFF! WIRJA ĠDIDA U ĦINIJIET ESTIŻI GĦALL-BIRGUFEST

**Stqarrija | L-10 ta' Ottubru 2025**

Heritage Malta qed tistieden lill-pubbliku biex jesperjenza l-Forti Sant'Anġlu u l-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu wara li jidlam, waqt ħinijiet estiżi ta' filgħaxija bħala parti mill-Birgufest, u jiskopri l-arti u l-istorja għanja tal-kpiepel f'Malta u l-Ewropa permezz ta' wirja ġdida li se tibqa' għaddejja sa Frar tas-sena li ġejja.

Is-Sibt 11 ta' Ottubru, kemm il-Forti Sant'Anġlu kif ukoll il-Palazz tal-Inkwiżitur, li jħaddan fih il-Mużew Nazzjonali tal-Etnografija, se jagħlqu fl-4:00pm u jerġgħu jiftħu mis-6:00pm sa nofsillejl, bl-aħħar dħul fil-11:30pm. Il-viżitaturi fil-Forti Sant'Anġlu se jitpaxxew bil-ġmiel tal-fortizza mixgħula bil-fjakkoli, li joħolqu spettaklu sħiħ biswit il-Port il-Kbir.

Fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-wirja l-ġdida 'Hats Off! Hats at the Turn of the 20th Century' tesplora kif dan l-aċċessorju sempliċi imma espressiv kien protagonist fil-moda, il-kultura u l-identità Ewropea għal sekli sħaħ, b'lenti aktar mill-qrib fuq il-perjodu ta' tibdil mgħaġġel fil-bidu taż-żmien modern.

Żmien ilu meqjusin bħala oġġetti li jintlibsu ta' kuljum, il-kpiepel kienu jservu mhux biss biex dak li jkun juri li qed jimxi mal-moda iżda wkoll bħala indikazzjoni ta' klassi soċjali, ġeneru, u professjoni. F'Malta, il-kpiepel kienu jirriflettu t-taħlita unika ta' użanzi lokali, devozzjoni Kattolika u influwenzi kolonjali Ingliżi, u żammew tendenzi tradizzjonali matul il-parti l-kbira tas-seklu 20.

Il-wirja tippreżenta għadd ta' eżempji sbieħ mill-kollezzjoni etnografika nazzjonali – mit-tomon (top hats) tal-aħħar tas-seklu 19 u l-boaters u l-panamas magħmulin mit-tiben fil-bidu tas-seklu 20 għall-irġiel, għal-lobbji (fedoras u trilbies) aktar riċenti u prattiċi, maġenb disinji ta' kpiepel tan-nisa magħrufa bħala cloche u pillbox. Ġabra ta' splenguni u kaxxi tal-kpiepel tkompli tħawwar il-wirja.

Biljett wieħed b'rata mraħħsa ta' €3 se jagħti aċċess għaż-żewġ siti storiċi waqt dawn il-ħinijiet estiżi. 'Hats Off' tibqa' miftuħa sa tmiem Frar tal-2026, mit-Tlieta sal-Ħadd, mid-9:00am sal-5:00pm sal-aħħar ta' Ottubru, bl-aħħar dħul fl-4:30pm. Għall-ħinijiet tal-ftuħ minn Novembru 'l quddiem żur: https://heritagemalta.mt/opening-hours/. Persuni bi sfidi ta' mobbiltà jistgħu jsibu l-aċċess għall-ispazju fejn hi mtellgħa l-wirja diffiċli minħabba t-taraġ.